32001D0470

L 174/25 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 27.6.2001

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tat-28 ta' Mejju 2001
li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali

(2001/470/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 61(ċ) u (d), 66 u 67 tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [3],

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea ffissat għaliha nnifisha l-għan li żżomm u tiżviluppa bħala żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, li fiha huwa żgurat il-moviment ħieles tal-persuni.

(2) L-istabbiliment gradwali ta' din iż-żona u l-ħidma b'saħħitha tas-suq intern jinvolvu l-ħtieġa li jiġu mtejba, issimplifikati u mħaffa l-koperazzjoni ġudizzjarju effettiva bejn l-Istati Membri fil-materji ċivili u kummerċjali.

(3) Il-pjan ta' azzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar kif l-aħjar li jiġu implimentati d-disposizzjonijiet tat-Trattat ta' Amsterdam, fuq żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja [4] li ġie adottat mill-Kunsill fit-3 ta' Diċembru 1998 u approvat mill-Kunsill Ewropew fil-11 u t-12 ta' Diċembru 1998 jirrikonoxxi illi r-rinforz tal-koperazzjoni ġudizzjarju fil-materji ċivili jirrappreżenta stadju fundamentali fil-ħolqien ta' żona ġudizzjarja Ewropea li trid iġġib benefiċċji tanġibbli għal kull ċittadin ta' l-Unjoni Ewropea.

(4) Waħda mill-miżuri pprovduti fil-paragrafu 40 tal-pjan ta' azzjoni hija li tiġi eżaminata l-possibbiltà li jiġi estiż il-kunċett tan-*Network* Ġudizzjarju Ewropew fil-materji kriminali sabiex iħaddan il-proċedimenti ċivili.

(5) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill speċjali Ewropew imlaqqa' f'Tampere fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1969 jirrakkommandaw li tiġi stabbilita sistema ta' aċċessibbilità bla xkiel għat-tagħrif, li jrid jinżamm u jiġi aġġornat minn *Network* ta' l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali.

(6) Sabiex tiġi mtejba, issimplifikata u mħaffa l-koperazzjoni ġudizzjarju effettiva bejn l-Istati Membri fil-materji ċivili u kummerċjali, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita fil-livell Komunitarju struttura ta' *network* ta' koperazzjoni - in-*Network* Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivcili u kummerċjali.

(1) ĠU C 29 E, tat-30.1.2001, p. 281.
(2) Opinjoni mogħtija fil-5 ta' April 2001 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
(3) ĠU C 139, tal-11.5.2001, p. 6.
(4) ĠU C 19, tat-23.1.1999, p. 1.

(7) Dan huwa suġġett li jidħol fl-ambitu ta' l-Artikoli 65 u 66 tat-Trattat, u tal-miżuri li jridu jiġu adottati skond l-Artikolu 67.

(8) Sabiex tiġi żgurata l-kisba ta' l-għanijiet tan-*Network* Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali, ir-regoli li jirregolaw l-istabbiliment tiegħu għandhom jiġu stabbiliti fi strument mandatorju tal-liġijiet Komunitarji

(9) Il-għanijiet ta' l-azzjoni proposta, jiġifieri għalbiex jittejbu l-koperazzjoni ġudizzjarju effettiva bejn l-Istati Membri u l-aċċess effettiv għall-ġustizzja għall-persuni mdaħħla f'litigi li jaqsmu l-fruntieri, ma jistgħux jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk għar-raġuni ta' l-iskala jew l-isforzi ta' l-azzjoni jinkisbu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif iddikjarat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif iddikjarat f'dan l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hemm minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawn il-għanijiet.

(10) In-*Network* Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali stabbilit b'din id-Deċiżjoni jfittex li jiffaċilita l-koperazzjoni ġudizzjarju bejn l-Istati Membri fil-materji ċivcili u kummerċjali kemm fiż-żoni li għalihom japplikaw il-liġijiet eżistenti u kemm dawk fejn bħal issa ma japplika l-ebda strument.

(11) F'ċerti żoni speċifiċi, l-istrumenti Komunitarji jew internazzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-koperazzjoni ġudizzjarju f'materji ċivili jew kummerċjali diġà jipprovdu l-mekkaniżmi tal-koperazzjoni. In-*Network* Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali ma jiddikjarax li jibdel il-post ta' dawn ilmekkaniżmi, u jrid jopera f'konformità sħiħa magħhom. B'konsegwenza ta' dan, din id-Deċiżjoni trid tkun mingħajr preġudizzju għall-istrumenti Komunitarji jew internazzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-koperazzjoni ġudizzjarju f'materji ċivili jew kummerċjali.

(12) In-*Network* Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali għandu jiġi stabbilit fi stadji fuq il-bażi ta' l-eqreb koperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Għandu jkun kapaċi li jieħu vantaġġ mill-komunikazzjoni moderna u t-teknoloġiji ta' l-informatika.

(13) Sabiex jikseb il-għanijiet tiegħu, in-*Network* Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali jeħtieġ li jiġi appoġġjat minn punti tal-kuntat innominati mill-Istati Membri u li jkun żgur mill-parteċipazzjoni ta' l-awtroritajiet tagħhom b'responsabbiltajiet speċifiċi għall-koperazzjoni ġudizzjarju f'materji ċivili u kummerċjali. Il-kuntatti bejniethom u l-laqgħat perjodiċi huma essenzali għall-ħidma tan-*Network*.

(14) Huwa essenzali illi l-isforzi sabiex tiġi stabbilita żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jipproduċu benefiċċji tanġibbli għall-persuna mdaħħla f'litigi li jaqsmu l-fruntieri. Huwa għalhekk meħtieġ għan-*Network* Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali li jippromwovi aċċess għall-ġustizzja. Għal dan il-fini, bl-użu tat-tagħrif fornit u aġġornat mill-punti tal-kuntatt, in-*Network* għandu jistabbilixxi b'mod propgressiv sistema ta' tagħrif li tkun aċċessibbli għall-pubbliku, kemm għall-pubbliku ġenerali u kemm għall-ispeċjalisti.

(15) Din id-Deċiżjoni ma tipprekludix il-provvediment ta' tagħrif ieħor minn dak ipprovdut hawnhekk, ġewwa n-*Network* Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali u lill-pubbliku. L-enumerazzjoni tat-Titolu III għalhekk mhux ikkunsidrat li huwa eżawrjenti.

(16) Il-proċessar tat-tagħrif u ta' l-informazzjoni għandu jsir skond id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-individwai rigward il-proċessar ta' l-informazzjoni personali u tal-moviment ħieles ta' din l-informazzjoni [1] u d-Direttiva 97/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru1997 li tirrigwarda l-proċessar ta' l-informazzjoni personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet [2].

(17) Sabiex jiġi żgurat illi n-*Network* Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali jissokta jkun strument effettiv, jinkorpora l-aħjar prattiċi fil-koperazzjoni ġudizzjarju u l-operat intern u jissodisfa l-mistennija tal-pubbliku, għandha ssir disposizzjoni għall-valutazzjonijiet perjodiċi ta' dawn il-bidliet skond kif ikun meħtieġ.

(18) Ir-Renju Unit u l-Irlanda, skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tr-Renju Unit u ta' l-Irlanda anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewopea, taw avviż dwar ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(19) Id-Danimarka, skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, mhix tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għalhekk la hi marbuta biha u lanqas bla ħsara għall-applikazzjoni tagħha,

---

[1] ĠU L 281, tat-23.11.1995, p. 31.
[2] ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 1.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

IT-TITOLU I

IL-PRINĊIPJI TAN-NETWORK ĠUDIZZJARJU EWROPEW FIL-MATERJI ĊIVILI U KUMMERĊJALI

Artikolu 1

L-Istabbiliment

1. Huwa hawnhekk stabbilit *Network* Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali ("in-*Network*") fost l-Istati Membri.

2. F'din id-Deċiżjoni, it-terminu "Stat Membru" għandu jfisser l-Istati Membri kollha bl-eċċezzjoni tad-Danimarka.

Artikolu 2

Il-Komposizzjoni

1. In-*Network* għandu jkun kompost minn:

(a) il-punti tal-kuntatt innominati mill-Istati Membri, skond il-paragrafu 2;

(b) il-korpi ċentrali u l-awtoritajiet ċentrali pprovduti fl-istrumenti Komunitarji, l-istrumenti tal-liġijiet internazzjonali li tagħhom l-Istati Membri huma partijiet jew ir-regoli tal-liġijiet domestiċi fiż-żona tal-koperazzjoni ġudizzjarju fil-materji ċivili u kummerċjali;

(ċ) il-maġistrati tal-kooprazzjoni li għalihom tapplika l-Azzjoni Konġunta 96/277/*JAI* tat-22 ta' April 1996 li tirrigwarda qafas għall-iskambju tal-maġistrati tal-koperazzjoni sabiex tittejjeb il-koperazzjoni ġudizzjarju bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea [1], meta dawn ikollhom responsabbiltajiet fil-koperazzjoni f'materji ċivili jew kummerċjali;

(d) kull awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva approprjata b'responsabbiltajiet għall-koperazzjoni ġudizzjarju fil-materji ċivili u kummerċjali li s-sħunija tagħhom fin-*Network* hija kkunsidrata utli mill-Istati Membri li tappartjieni lilhom.

2. Kull wieħed mill-Istati Membri għandu jinnomina punt tal-kuntatt. Madankollu, kull wieħed mill-Istati Membri jista' jinnomina numru ta' punti oħra tal-kuntatt jekk jikkunsidra dan meħtieġ fuq il-bażi ta' l-eżistenza ta' sistemi legali separati, id-distribuzzjoni dometsika tal-ġurisdizzjoni, il-kompiti li jridu jiġu fdati lill-punti tal-kuntatt jew sabiex jiġu assoċjati direttament il-korpi ġudizzjarji li spiss jittrattaw litigi li jaqsmu l-fruntieri ma' l-ativitajiet tal-punti tal-kuntatt.

Meta Stat Membru jinnomina numru ta' punti tal-kuntatt, għandu jiżgura illi japplikaw miżuri ta' kordinament bejniethom.

3. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw l-awtoritajiet imsemmija fil-punti (b) u (ċ) tal-paragafu 1.

4. L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtoritajiet imsemmija fil-punt (d) tal-paragafu 1.

5. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, skond l-Artikolu 20, dwar l-ismijiet u l-indirizzi sħaħ ta' l-awtoritajiet riferiti fil-paragrafu 1, billi jispeċifikaw:

(a) il-faċilitajiet tal-komunikazzjoni disponibbli għalihom;

(b) l-għerf tagħhom fl-ilsna; u

(ċ) meta approprjat, il-fiunzjonijiet speċifiċi tagħhom fin-*Network*.

Artikolu 3

Il-kompiti u l-attivitajiet tan-*Network*

1. In-*Network* għandu jkun responsabbli li:

(a) jiffaċilita l-koperazzjoni ġudizzjarju bejn l-Istati Membri f'materji ċivili u kummerċjali, inkluż li joħolqu, jistabbilixxu b'mod progressiv u jaġġornaw sistema tat-tagħrif għall-membri tan-*Network*;

(b) joħloq, jistabbilixxi b'mod progressiv u jaġġorna sistema tat-tagħrif li tkun aċċessibbli għall-pubbliku.

2. Mingħajr preġudizzju għal strumentri oħra Komuunitarji jew internazzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-koperazzjoni ġudizzjarju fil-materji ċivili jew kummerċjali, in-*Network* għandu jiżviluppa l-attivitajiet tiegħu għall-għanijiet li ġejjin b'mod partikolari:

(a) il-ħidma bla xkiel tal-proċeduri li jkollhom impatt li jaqsam il-fruntieri u l-faċilitazzjoni tat-talbiet għal koperazzjoni ġudizzjarju bejn l-Istati Mmebri, b'mod parrtikolari fejn ma japplika l-ebda strument Komunitrju jew internazzjonali;

(b) l-applikazzjoni effettiva u prattika ta' l-istrumenti jew tal-konvenzjonijiet Komunitarji fis-seħħ bejn żewġ Stati Membri jew iktar;

(ċ) l-istabbiliment u ż-żamma ta' sistema tat-tagħrif għall-pubbliku dwar il-koperazzjoni ġudizzjarju fil-materji ċivili u kummerċjali fl-Unjoni Ewropea, l-istrumenti rilevanti Komunitarji u internazzjonali u l-liġijiet domestiċi ta' l-Istati Membri, b'riferiment partikolari għall-aċċess għall-ġustizzja.

[1] ĠU L 105, tas-27.4.1996, p. 1.

Artikolu 4

Il-*modus operandi* tan-*Network*

In-*Network* għandu jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod partikolari bil-mezzi li ġejjin:

1. għandu jiffaċilita l-kuntatti approprjati bejn l-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 2(1) sabiex jitwettqu l-kompiti pprovduti bl-Artikolu 3;

2. għandu jorganizza laqgħat perjodiċi tal-punti tal-kuntatt u tal-membri tan-*Network* skond ir-regoli stabbiliti fit-Titolu II;

3. għandu jfassal u jżomm aġġornat it-tagħrif dwar il-koperazzjoni ġudizzjarju fil-materji ċivili u kummerċjali u s-sisetmi legali ta' l-Istati Membri riferiti fit-Titolu III, skond ir-regoli stabbiliti f'dan it-Titolu.

Artikolu 5

Il-punti tal-kuntatt

1. Il-punti tal-kuntatt għandhom ikunu għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet riferiti fl-Artikolu 2(1) minn (b) sa (d) sabiex jitwettqu l-kompiti pprovduti bl-Artikolu 3.

Il-punti tal-kuntatt għandhom ukoll ikunu għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji lokali fl-Istat Membru nnifsu għall-istess għanijiet, skond ir-regoli li jridu jiġu stabbiliti minn kull wieħed mill-Istati Membri.

2. B'mod partikolari, il-punti tal-kuntatt għandhom:

(a) ifornu lill-punti tal-kuntatt l-oħra, lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 2(1) minn (b) sa (d) u lill-awtoritajiet ġudizzjarji lokali fl-Istat Membru nnifsu bit-tagħrif kollu meħtieġ għall-koperazzjoni ġudizzjarju b'saħħitha bejn l-Istati Membri skond l-Artikolu 3, sabiex jassistihom fit-tħejjija tat-talbiet operabbli għall-koperazzjoni ġudizzjarju u sabiex jistabbilixxi l-iktar punti approprjati tal-kuntatt dirett;

(b) ifittxu s-soluzzjonijiet għad-diffikuntajiet li jinħolqu fl-okkażjoni ta' talba għall-koperazzjoni ġudizzjarja, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u għall-Artikolu 6;

(ċ) jiffaċilitaw il-kordinament tal-proċessar tat-talbiet għal koperazzjoni ġudizzjarju fl-Istat Membru rilevanti, b'mod partikolari meta numru ta' talbiet mill-awtoritajiet ġudizzjarji f'dan l-Istat Membru jaqgħu sabiex jiġu mwettqa li Stat Membru ieħor;

(d) jikkollaboraw fl-organizzazzjoni tal-laqgħat riferiti fl-Artikolu 9 u jieħdu sehem fihom;

(e) jassistu fit-tħejjija u l-aġġornament tat-tagħrif riferit fit-Titoli III, u b'mod partkolari fis-sistema tat-tagħrif għall-pubbliku, skond ir-regoli stabbiliti f'dan it-Titolu.

3. Meta punt tal-kuntatt jirċievi talba għat-tagħrif minn membru ieħor tan-*Network* li ma jkunx jista' jweġibha huwa, għandu jibgħatha lill-punt tal-kuntatt jew lill-membru tan-*Network* li jkunu l-iktar kapaċi li jweġbuha. Il-punt tal-kuntatt għandu jissokta jkun disponibbli għal kull għajnuna minn din skond kif tkun utli għall-kuntatti sossegwenti.

4. Fiż-żoni fejn l-istrumenti Komunitarji jew internazzjonali li jirregolaw il-koperazzjoni ġudizzjarju diġà jipprovdu n-nomina ta' l-awtoritajiet responsabbli mill-faċilitazzjoni tal-koperazzjoni ġudizzjarju, il-punti tal-kuntatt għandhom jindirizzaw lil min jagħmel it-talbiet lil dawn l-awtoritajiet.

Artikolu 6

L-awtoritajiet rilevanti għall-għanijiet ta' l-istrumenti Komunitarji jew internazzjonali li jkollhom x'jaqsmu mal-koperazzjoni ġudizzjarju f'materji ċivili jew kummerċjali

1. L-involviment ta' l-awtoritajiet rilevanti pprovduti bl-istrumenti Komunitarji jew internazzjonali li jkollhom x'jaqsmu mal-koperazzjoni ġudizzjarju f'materji ċivili jew kummerċjali fin-*Network* għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-poteri kkonferiti fuqhom mill-istrument li jipprovdi għan-nomina tagħhom.

Il-kuntatti ġewwa n-*Network* għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-kuntatti regolari jew okkażjonali bejn dawn l-awtoritajiet.

2. F'kull Stat Membru l-awtoritajiet ipprovduti mill-istrumenti Komunitarji jew internazzjonali li jkollhom x'jaqsmu mal-koperazzjoni ġudizzjarja fil-materji ċivcili jew kummerċjali u l-punti tal-kuntatt tan-*Network* għandhom jidħlu għal skambju regolari tal-veduti u l-kuntatti sabiex jiżguraw illi l-esperjenza rispettiva tagħhom tiġi mxerrda fil-wisa' kemm jista' jkun.

3. Il-punti tal-kuntatt tan-*Network* għandhom ikunu għad-disposizzjoni ta' l-awtoritajiet ipprovduti bl-istrumenti Komunitarji jew internazzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-koperazzjoni ġudizzjarju fil-materji ċivili u kummerċjali u għandu jassistihom fil-manjieri kollha prattikabbli.

Artikolu 7

L-ilsien magħruf tal-punti tal-kuntatt

Sabiex jiffaċilita l-ħidma prattika tan-*Network*, kull wieħed mill-Istati Membri għandu jiżgura illi l-punti tal-kuntatt ikollhom għarfien adegwat ta' lsien uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità Ewropea minbarra dak tagħhom infushom, mogħti illi jeħtieġu li jkunu kapaċi jikkomunikaw mal-punti tal-kuntatt fi Stati Membri oħra.

L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw u jinkoraġġixxu t-taħriġ f'ilsna speċjalizzati għall-personal tal-punti tal-kuntatt u jippromwovu l-iskambji tal-personal bejn il-punti tal-kuntatt ta' l-Istati Membri.

Artikolu 8

Il-faċilitajiet tal-komunikazzjoni

Il-punti tal-kuntatt għandhom jużaw l-iktar faċilitajiet teknoloġiċi approprjati sabiex iwieġbu b'mod effettiv u raġidu kemm jista' jkun għat-talbiet magħmula lilhom.

IT-TITOLU II

IL-LAQGĦAT FI ĦDAN IN-*NETWORK*

Artikolu 9

Il-laqgħat tal-punti tal-kuntatt

1. Il-punti tal-kuntatt tan-*Network* għandhom jiltaqgħu mhux inqas minn darba kull nofs sena, skond l-Artikolu 12.

2. Kull wieħed mill-Istati Membri għandu jkun irrappreżentat f'dawn il-laqgħat minn punt tal-kuntatt jew iktar, li jistgħu jkunu akkumpanjati minn membri oħra tan-*Network*, imma ma għandux ikun hemm iktar minn erba' rappreżentanti għal kull Stat Membru.

3. L-ewwel laqgħa tal-punti tal-kuntatt għandha tinżamm mhux iktar tard mill-1 ta' Marzu 2003 mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ta' laqgħat ta' tħejjija qabel.

Artikolu 10

Il-għan tal-laqgħat perjodiċi tal-punti tal-kuntatt

1. Il-għan tal-laqgħat perjodiċi tal-punti tal-kuntatt għandu jkun:

(a) sabiex jgħin lill-punti tal-kuntatt li jsiru jafu lil xulxin u jiskambjaw l-esperjenzi, b'mod partikolari rigward il-ħidma tan-*Network*;

(b) sabiex jipprovdi pjattaforma għad-diskussjoni dwar il-problemi prattiċi u legali ffaċċjati mill-Istati Membri fil-kors tal-koperazzjoni ġudizzjarju, b'riferiment partikolari għall-applikazzjoni tal-miżuri adottati mill-Komunità Ewropea;

(ċ) sabiex jidentifika l-aħjar prattiċi fil-koperazzjoni ġudizzjarju fil-materji ċivili u kummerċjali u jiżgura illi jiġi mxerred it-tagħrif rilevanti ġewwa n-*Network*;

(d) sabiex jiġu skambjati l-informazzjoni u l-veduti dwar l-istruttura, l-organizzazzjoni u l-kontenut ta' l-aċċess tat-tagħrif disponibbli msemmi fit-Titolu III;

(e) sabiex jitfasslu l-linji gwida sabiex jistabbilixxu b'mod progressiv il-folji tat-tagħrif prattiku pprovdut bl-Artikolu 15, b'mod partikolari rigward il-kontenut tas-suġġetti li jidu jiġu koperti u l-għamla ta' dawn il-folji ta' tagħrif;

(f) sabiex jiġu identifikati l-inizjattivi speċifiċi minbarra dawk riferiti fit-Titolu III li jsegwu għanijiet paragunabbli.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi fil-laqgħat tal-punti tal-kuntatt titqassam bejn xulxin l-esperjenza fil-ħidma tal-mekkaniżmi speċifiċi tal-koperazzjoni pprovduti mill-istrumenti Komunitarji jew internazzjonali.

Artikolu 11

Il-laqgħat tal-membri tan-*Network*

1. Għandhom jinżammu laqgħat miftuħa għall-membri kollha tan-*Network* sabiex jgħinuhom isiru jafu lil xulxin u jiskambjaw l-esperjenzai, jipprovdu pjattaforma għad-diskussjoni tal-problemi prattiċi u legali li jiltaqgħu magħhom u jittrattaw mistoqsijiet speċifiċi.

Jistgħu jsiru wkoll laqgħat fuq kwistonijiet speċifiċi.

2. Il-laqgħat għandhom jissejħu, meta approprjat, skond l-Artikolu 12.

3. F'koperazzjoni mill-qrib mal-Presidenza tal-Kunsill u ma' l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tiffissa n-numru masimu tal-parteċipanti għal kull laqgħa.

Artikolu 12

L-organizzazzjoni u l-proċeduri tal-laqgħat tan-*Network*

1. F'koperazzjoni mill-qrib mal-Presidenza tal-Kunsill u ma' l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha ssejjaħ il-laqgħat ipprovduti bl-Artkoli minn 9 sa 11. Għandha tippresedihom u tipprovdi s-servizzi segretarjali.

2. Qabel kull laqgħa, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz ta' l-aġenda bi ftehim mal-Presidenza tal-Kunsill u f'konsultazzjoni ma' l-Istati Membri permezz tal-punti tal-kuntatt rispettivi tagħhom.

3. Il-punti tal-kuntatt għandhom jiġu nnotifikati bl-aġenda qabel il-laqgħa. Jistgħu jitolbu li jsiru bidliet jew biex jiddaħħlu punti addizzjonali.

4. Wara kull laqgħa, il-Kummissjoni għandha tħejji reġistrazzjoni, li għandha tiġi nnotifikata lill-punti tal-kuntatt.

5. Il-laqgħat tal-punti tal-kuntatt u tal-membri tan-*Network* jistgħu jsiru f'kull Stat Membru.

IT-TITOLU III

IT-TAGĦRIF DISPONIBBLI FI ĦDAN IN-*NETWORK*, U S-SISTEMA TAT-TAGĦRIF GĦALL-PUBBLIKU

Artikolu 13

It-tagħrif imxerred ġewwa n-*Network*

1. It-tagħrif imxerred ġewwa n-*network* għandu jinkludi:

(a) it-tagħrif riferit fl-Artikolu 2(5);

(b) kull tagħrif ieħor meqjus utli mill-punti tal-kuntatt għall-funzjonament tajjeb tan-*Network*.

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għanha tistabbilixxi b'mod progressiv sistema ta' skambju tat-tagħrif b'sistema limitata u fis-sigurtà f'konsultazzjoni mal-punti tal-kuntatt.

Artikolu 14

Is-sistema tat-tagħrif għall-pubbliku

1. Għandha tiġi stabbilita b'mod progressiv sistema tat-tagħrif imsejsa fuq l-*Internet* għall-pubbliku, inkluż il-*website* iddedikat għan-*Network*, skond l-Artikoli 17 u 18.

2. Is-sistema tat-tagħrif għandha tħaddan l-elementi li ġejjin:

(a) l-istrumenti Komunitarji fis-seħħ jew fit-tħejjija li għandhom x'jaqsmu mal-koperazzjoni ġudizzjarju f'materji ċivili u kummerċjali

(b) il-miżuri nazzjonali għall-implimentazzjoni domestika ta' l-istumenti fis-seħħ riferiti fil-punt (a);

(ċ) l-istrumenti internazzjonali fis-seħħ li għandhom x'jaqsmu mal-koperazzjoni ġudizzjarju f'materji ċivili u kummerċjali li tagħhom l-Istati Membri huma partjiet, u d-dikjarazzjonijiet u r-riservi magħmula f'konnessjoni ma' dawn l-istrumenti;

(d) l-elementi rilevanti tal-ġurisprudenza Komunitarja fil-qasam tal-koperazzjoni ġudizzjarju fil-materji ċivili u kummerċjali;

(e) il-folji tat-tagħrif ipprovduti bl-Artikolu 15.

3. Għall-għanijiet ta' l-aċċess għat-tagħrif imsemmi fil-paragrafu 2 minn (a) sa (d), in-*Network* għandu, meta approrprjat, fuq is-sit tiegħu, jagħmel użu mir-rabtiet ma' siti oħra fejn irid jinstab it-tagħrif oriġinali.

4. Is-sit iddedikat lin-*Network* għandu bl-istess mod jiffaċilita l-aċċess għall-inizjattivi tat-tagħrif pubbliku paragunabbli f'materji rrelatati u għas-siti li jkun fihom tagħrif li għandu x'jaqsam mas-sistemi legali ta' l-Istati Membri.

Artikolu 15

Il-folji tat-tagħrif

1. Il-folji tat-tagħrif għandhom jiġu ddedikati bħala prijorità għall-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-aċċess għall-ġustizzja fl-Istati Membri u għandhom jinkludu tagħrif dwar il-proċeduri kif jitressqu l-każijiet fil-qorti u li jiksbu l-għajnuna legali, minghajr preġudizzju għall-inizjattivi l-oħra Komunitarji, li għalihom in-*Network* għandu jkollu l-ikbar rigward.

2. Il-folji tat-tagħrif għandhom ikunu ta' natura prattika u konċiża. Għandhom jinkitbu f'ilsien li jiftiehem bla xkiel u jkun fih tagħrif prattiku għall-pubbliku. Għandhom ikunu prodotti b'mod pregressiv f'mill-inqas l-aspetti li ġejjin:

(a) il-prinċipji tas-sistema legali u l-organizzazzjoni ġudizzjarja ta' l-Istati Membri;

(b) il-proċeduri għalbiex jitressqu l-każijiet quddiem il-qorti b'riferiment partikolari għall-pretensjonijiet iż-żgħar, inklużi l-possibbiltajiet u l-proċeduri ta' l-appell.

(ċ) il-kondizzjonijiet u l-proċeduri għalbiex tinkiseb il-għajnuna legali, inklużi d-deskrizjonijiet tal-kompiti ta' l-organizzazzjonijiet mhux governattivi attivi f'dan il-kamp, filwaqt li jitqies ix-xogħol diġà mwettaq fid-Djalogu maċ-Ċittadini;

(d) ir-regoli nazzjonali li jirregolaw is-servizz tad-dokumenti;

(e) ir-regoli u l-proċeduri għall-infurzar tas-sentenzi tal-qorti mogħtija fl-Istati Membri l-oħra;

(f) il-possibiltajiet u l-proċeduri għalbiex jinkisbu miżuri *interim* ta' solliev, b'riferiment partikolari għall-konfiska ta' l-attivi għall-għanijiet ta' l-infurzar;

(g) il-possibiltajiet alternattivi għall-qtugħ tal-kontroversji, b'indikazzjoni għaċ-ċentri nazzjonali tat-tagħrif u tal-pariri tan-*Network* matul il-Komunità kollha dwar il-Qtugħ, barra mill-Qrati, tal-Konstroversji li jirrigwardaw il-Konsumatur;

(h) l-organizzazzjoni u l-operat tal-professjonijiet legali.

4. Il-folji tat-tagħrif għandhom, meta approprjat, jinkludu l-elementi tal-ġurisprudenza ta' l-Istati Membri.

5. Il-folji tat-tagħrif jistgħu jipprovdu tagħrif iktar iddettaljat għall-ispeċjalisti.

Artikolu 16

L-aġġornament tat-tagħrif

It-tagħrif kollu mqassam ġewwa n-*Network* u lill-pubbliku skond l-Artikoli minn 13 sa 15 għandu jkun aġġornat regolarment.

Artikolu 17

Ir-rwol tal-Kummissjoni fis-sistema pubblika tat-tagħrif

Il-Kummissjoni għandha:

1. tkun responsabbli mill-ġestjoni tas-sistema tat-tagħrif lill-pubbliku;

2. f'konsultazzjoni mal-punti tal-kuntatt, tibni *website* lin-*Network* fuq is-sit tagħha fuq l-*Internet*:

3. tipprovdi t-tagħrif fuq l-aspetti rilevanti tal-liġijiet u l-proċeduri Komunitarji, inkluża l-ġurisprudenza Komunitarja, skond l-Artikolu 14;

4. (a) tiżgura illi l-format tal-folji tat-tagħrif ikun konsistenti u jinkludu t-tagħrif kollu kkunsidrat meħtieġ min-*Network*;

   (b) wara dan tirranġa li jiġu tradotti fl-ilsna l-oħra uffiċjali ta' l-Istituzzjonijiet fil-Komunità, u tinstallahom fuq is-sit iddedikat lin-*Network*.

Artikolu 18

Ir-rwol tal-punti tal-kuntatt fis-sistema pubblika tat-tagħrif

Il-punti tal-kuntatt għandhom jiżguraw illi:

1. jiġi fornit lill-Kummissjoni t-tagħrif approprjat meħtieġ sabiex joħloq u jħaddem is-sistema tat-tagħrif;

2. it-tagħrif stallat fis-sistema jkun eżatt;

3. il-Kummissjoni tiġi nnotifikata minnufih b'kull aġġornament hekk kif punt tat-tagħrif ikun jeħtieġ li jinbidel;

4. il-folji tat-tagħrif li għandhom x'jaqsmu ma' l-Istati Membri rispettivi tagħhom jiġu stabbiliti b'mod progressiv, skond il-linji gwida riferita fl-Artikolu 10(1)(e);

5. jiġi rranġat it-tixrid l-iktar wiesa' possibbli tal-folji tat-tagħrif stallat fuq is-sit iddedikat lin-*Network* fl-Istat Membru tagħhom.

IT-TITOLU IV

DISPOSIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 19

Ir-rivista

1. Mhux iktar tard mill-1 ta' Diċembru 2005, u mill-inqas kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fuq il-bażi ta-tagħrif fornit mill-punti tal-kuntatt. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat jekk meħtieġ bi proposti għall-addattamenti.

2. Ir-rapport għandu jikkunsidra, fost materji rilevanti oħra, il-kwistjoni ta' l-aċċess dirett pubbliku possibbli tal-punti tal-kuntatt tan-*Network*, l-aċċess u l-involviment tal-professjonijiet legali fl-attivitajiet tiegħu, u s-sinerġija man-*Network* matul il-Komunità kollha għall-Qtugħ Barra mill-Qrati, tal-Kontroversji dwar il-Konsumatur. Għandu jikkunsidra wkoll ir-relazzjoni bejn il-punti tal-kuntatt tan-*Network* u ta' l-awtoritajiet kompetenti pprovvduti fl-istrumenti Komunitarji jew intenazzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-koperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali.

Artikolu 20

L-istabbiliment tal-komponenti bażiċi tan-*Network*

Mhux iktar tard mill-1 ta' Ġunju 2002, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar it-tagħrif meħtieġ bl-Artikoli 2(5).

Artikolu 21

Id-data ta' l-applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tibda tapplika mill-1 ta' Diċembru 2002, għajr għall-Artikoli 2 u 20 li għandha tapplika mid-data tan-notifika tad-Deċiżjoni lill-Istati Membri li lihom hija indirizzata.

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Mejju 2001.

Għall-Kunsill

Il-President

T. BODSTRÖM